# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 119/2009

## tat-22 ta' Ottubru 2009

## li temenda l-Protokoll 26 (Dwar il-poteri u funzjonijiet tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat) tal-Ftheim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 26 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistipula r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Skont l-Artikolu 1 tal-Protokoll 26 tal-Ftheim, l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA ingħatat l-istess livell ta' poteri u funzjonijiet simili għal dawk tal-Kummissjoni tal-KE għall-applikazzjoni tar-regoli applikabbli għall-għajnuna mill-Istat, u r-Regolament (KE) Nru 271/2008 għandu b'hekk jiġi inkluż fil-Protokoll 26 tal-Ftehim għal skopijiet ta' informazzjoni biss,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud mal-Punt 2 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004) tal-Artikolu 2 tal-Protokoll 26 tal-Ftehim:

', kif emendat minn:

— **32008 R 0271**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1)'.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 271/2008 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-23 ta' Ottubru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

([1]) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.